GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT,
IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI
ID-DIRETTORAT GĦAS-SNIN BIKRIN, LINGWI U STUDJI UMANISTIĊI

Heritage Malta

# PROGRAMM T'ATTIVITAJIET TEMATIĊI GĦAL GRUPPI TAL-KINDERGARTEN 2 GĦAS-SENA 2025/2026

F'kull ġurnata ta' Mejju ser noffru żewġ sessjonijiet, waħda li tibda fid-9.15am u oħra fill-11.00am. Għal dawn l-attivitajiet qed naċċettaw massimu ta' 20 student f'kull grupp. F'nofs il-programm, l-istudenti ser ikollhom waqfa ta' madwar għoxrin minuta.

Għal kull programm tematiku tinġabar donazzjoni ta' **€1** minn kull student sabiex tkopri l-ispejjeż tal-materjal użat. L-attività tista' tiġi offruta kemm bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż.

Ibbukkjar isir permezz ta' dan il-link fejn fih jimtlew id-dettalji tal-parteċipanti: https://schoolbooking.heritagemalta.mt/thematic-events/. Il-prenotazzjoni tiegħek ma tiġix aċċettata sakemm taslilkom email ta' konferma minn Heritage Malta.

Waqt dawn l-attivitajiet se jittieħdu xi ritratti li wara ser jintużaw fuq il-media soċjali ta' Heritage Malta. Hija responsabbiltà tal-edukaturi li javżaw lill-uffiċjali ta' Heritage Malta jekk hemm xi tfal li m'għandhomx permess jidhru fir-ritratti.

Għal aktar informazzjoni ibagħtu email lil Heritage Malta fuq education.heritagemalta@heritagemalta.org.

Grazzi tal-kooperazzjoni,

Christian Formosa (christian.formosa@ilearn.edu.mt)

| Attività | Deskrizzjoni Qasira | Sena | Kisbiet mit-Tagħlim tal-Ħiliet | Mużew / Sit | Data |
|---|---|---|---|---|---|
| **K01-25/26 Nivvjaġġaw lura fiż-żmien**<br><br>**(1 Euro)** | L-attività tikkonsisti f'dawra animata fit-tempji ta' Ħaġar Qim. L-istudenti jkollhom ukoll kaċċa għat-teżor. It-teżor li jsibu ser jużawh sabiex joħolqu oġġetti li raw fl-istess tempju. | Kinder 2 | Żvilupp Intellettwali:<br>Smigħ ta' stejjer,<br>Nesploraw id-dinja li ngħixu fiha,<br>Kreattività fl-arti, Kunċetti storiċi. | Is-Sit Arkeoloġiku ta' Ħaġar Qim, il-Qrendi. | 25, 26, 27, 28, 29 ta' Mejju 2026. |